**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002

**Numru 7**

**Avviz numru 1708/01JR**

**Souhail Al Salima**

**vs**

**Elvin Barbara**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-atturi fis-6 ta' Dicembru, 2001, fejn intalab il-hlas ta' danni ta' anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00), u fejn intqal:**

**Illi l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal isib lill-konvenut responsabbli ghall-incident tat-traffiku tal-11 t'Ottubru, 2001, fi Triq it-Turisti, San Pawl il-Bahar u dan minhabb negligenza, traskuragni u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku minn naha tal-konvenut;**

**Illi t-Tribunal jillikwida d-danni li sofra fil-vettura Skoda bin-numru ta' registrazzjoni KAS-628, fl-incident hawn fuq imsemmi liema danni huma ta' anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00);**

**Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni hekk likwidati.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fl-14 ta' Jannar, 2002, fejn gie ecepit:**

- **i.** **In linea preliminari, l-attur mhux il-legittimu kontradittur ta' l-eccipjent stante li l-attur kien biss ix-xufier tal-vettura KAJ-628 u mhux is-sid li kienet Thelma Cilia. Ghalhekk l-eccipjent ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta' l-attur;**
- **ii.** **Bla pregudizzju ghall-permess u fil-mertu, l-incident de quo ma garaxx tort tal-konvenut izda unikament htija ta' l-attur Souhail Al Salim;**
- **iii.** **Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghal permess, l-attur ghandu jgib prova tad-danni;**
- **iv.** **Inoltre m'hemmx lok ghall-kundanna tal-konvenut ghal hlas ta' danni favur l-attur;**
- **v.** **Salvi eccezzjonijiet ohra permess mill-ligi u bl-ispejjez kontra l-attur.**

**Ra l-kontro-talba prezentata mar-risposta fejn intalab ammont ta' anqas minn elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00) u fejn intqal:**

a. **Illi l-incident de quo gara unikament tort ta' l-imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti da parti ta' l-attur Souhail Al Salima;**

b. **Konsegwenza tal-htija ta' l-attur, il-konvenut garrab danni li ma jeccedux valur ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1,500.00) kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;**

c. **Illi l-attur ghandu jigi kkundannat ihallas lill-konvenut dak l-ammont li jigi ddikjarat bhala dovut lilu in linea ta' danni;**

d. **Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-Ligi kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.**

**Semgha x-xhieda ta' Souhail Al Salima. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Illi din id-decizjoni tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni ossija li l-attur mhux il-legittimu kontradittur ta' l-eccipjent stante li l-attur kien biss ix-xufier tal-vettura KAJ 628 u mhux is-sid li kien Thelma Cilia.**

**2.** **F'dan il-kuntest jirrizulta li l-attur habat l-ghada li kien xtara l-karozza, pero ma ghamilx it-transfer peress li l-karozza kienet ghal scrap. Jirrizulta inoltre li l-attur lanqas ma kien assikurat.**

**3.** **Jirrizulta li l-attur allegatment hallas ghal karozza permezz ta' "barter" billi huwa pprovda xoghol lil bintu f'ammont ta' elf u erba' mitt lira Maltija (lm1,400.00). Meta gara l-incident kien ghad fadallu xi xoghol x'jaghmel.**

**4.** **It-Tribunal ikkunsidra li punti determinanti dwar l-ewwel eccezzjoni kienu l-fatt li t-transfer ma kienx sar, illi l-attur ma kienx ghadu qaleb l-assikurazzjoni ghal fuqu, u li ma kienx ghadu sar il-pagament tal-karozza. Fic-cirkostanzi hemm dubbji kbar kemm wiehed jista' jissejjah li hu sid il-karozza meta ma hemm xejn x'jindika li hu hekk. L-azzjoni odjerna definittavemnt ma kienetx tispetta lill-attur, ghax fic-cirkostanzi ma jispettax lilu li jitlob id-danni.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' l-ewwel eccezjoni sollevata u jiddikjara li l-attur mhux il-legittimu kontradittur stante li l-attur kien biss ix-xufier tal-vettura KAJ 628 u mhux is-sid, konsegwentement fir-rigward tat-talba jillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. It-Tribunal jordna ukoll il-prosegwiment tal-kawza ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba.**

**L-ispejjez ta' din d-decizjoni, ghandhom jigu sopportati nterament mill-attur skond il-Ligi.**

**Dr Jospeh Refalo**
**GUDIKATUR**